MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 1053/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**James Farrugia imwieled Pieta` nhar l-4 ta' Ottubru, 1996, iben Anthony u Sunta nee` Falzon, residenti gewwa Blk A2, Flt 3, Qasam ta' Panellu, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita` nru. 44886M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Awissu 2013, ghal habta ta' bejn id-09.30pm u l-10.00pm:

1. Volontarjament ikkommetta hsara li tammonta ghal 320 Ewro fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni CBP981, a detriment ta' Victoria Camilleri.

2. Volontarjament ikkommetta griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victoria Camilleri skond kif iccertifika Dr. Louise Gatt Reg. No. 2189 gewwa c-centru tas-sahha tal-Mosta; aggravju 222(1)(a) li tirrendi applikabbli l-artikolu 2022(h)(iv);

3. Ikkaguna lil Victoria Camilleri tibza illi ser tintuza vjolenza kontriha u kontra l-propjeta gahha;

4. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet lil parte leza tirrinunzja ghall-azzzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-1 u ghar-4 akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat ghall-1 u ghar-4 akkuza migjuba fil-konfront tieghu l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess . Illi fid-dawl tar-rininzja tal-parte leza ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, il-Qorti qed tiddikjara il-procediment ezawrit fir-rigward tat-2 u t-3 akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghall-akkadut u ikkumpensa lil vittma tal-hsara ikkagunata, minnu, u l-parte leza hafret lill-imputat ghall-incident u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-1 u r-4 akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tat-2 u t-3 akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------